KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 84, miżmuma nhar il-Erbgħa 24 t' April 2019 fil-5.30 ta fil-għaxija, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

- Anne Fenech — Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Alfred Grima — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Joseph Vella — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Rodney Galea — Kunsillier
- Dounia Borg — Kunsillier

Membri Skużati:

- Daniel Grima — Viċi Sindku
- Mandy Buhagiar — Kunsillier
- Robert Piscopo — Kunsillier
- Edward Bugeja — Kunsilier

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

Is-Sindku Anne Marie Fenech fetħet il-laqgħa fil-ħamsa u nofs.

**84.1 – Qari tal-ittri ta' l-Apologiji**
Il-Viċi Sindu Daniel Grima skuzat minħabba
Il-Kunsillier Mandy Buhagiar skuzata għaliex imsiefra
Il-Kunsilier Edward Bugeja skuzat minħabba mpenn ta' xogħol

**84.2 - Kunsiderazzjoni u Approvazjonin tal-Minuti**

**84.2.1 : Approvazzjoni tal-Minuti Nr 80**
- Is-Sentenza li tibda pg 9 għanda tinqata għal kollox
- Fil-Paragrafu rigward PA 1438/18 titneħħa il-kelma 'look in'. U tizdied li l-Kunsillier Alfred Grima kontra għal raguni li ma provdiex il-parkegg adekwat.
- Fil-Paragrafu ta' Euro Hotel Reserved Parking il-Kunsillier Alfred Grima irrimarka biex titneħħa l-kelma security Officer u tizdied 'li issir talba biex dil-policy tiġi reveduta' wara l-kelma ssugerixxa.
- Fis-Silta ta' diskussjoni dwar Triq Il-Lacci għandu jizdied l-isem tal-Kunsillier Graziella Galea wara tal-Kunsillier Mandy Buhagiar sostnew li ..... .
- Fil-Paragrafu dwar Salina Warf traffic managment tizdied is-sentenza, hekk kif approvat.
- Fis – Silta dwar International PowerBoats Festival, il-Kunsillier Alfred Grima il-Kunsill qabel li joħroġ no objection, b'hekk titneħħa l-kelma permessi u tiġi No Objection.
- Fil-paragrafu ta' item 80.5 il-Kunsillier Graziella Galea tirrimarka li jinqataw l-kliem minn 'Il-Kunsilliera Graziella Galea maprovatux sa Lokali.
- Fl-istess paragrafu tinqata l-kelma applikazjonijiet u minflok tithol 'hemm fondi ohra tal-UIF'.
- Il-Kunsillier Alfred Grima talab li tizdied is-Sentenza Il-Kunsill baqa passiv fuq bank charges ta' Eur 300 fix-xahar', fl-aħħar net ta' item 80.5.
- Il-Kunsilliera Graziella Galea u Alfred Grima jirrimarkaw li huma astjenew għal ħlas ta Items 125 u 127.

Minuti Nr 80 approvati hekk kif emendati

**84.2.1 : Approvazzjoni tal-Minuti Nr 81**
- Jitnizlu t-tweġibiet f'item 81.4
- Fil-paragrafu ta' item 81.10 tinbidel il-kelma maħarġux fil-kelma ma ntalbux.

Minuti Approvati hekk kif emendati.

**84.1.3 u 84.1.4 : Approvazzjoni tal-Minuti Nr 82 u 83**

Minuti Nr 82 u 83 approvati

**84.3 : Komunikazzjoni mis-Sindku**

**PA- 2335/07 – Relocation of kerbside pump and construction of ancillary office and servicing garage, carwash and landscaping.**
Il-Kunsillier Alfred Grima rrimarka li jekk din il- PA ma tirrispettax il-Policy li hemm fil-prezent ma jaqbilx.

**Cirkulari AKL 2019/040 – Rati tal-Baned**
Is-Sindku spjegat li rċivejna Cirkulari dwar rati tal-Baned, fejn dawn ser ikunu kollha bi prezz fiss.

**Sirens Football Club – Celebrations**
Inqrat korrispondenza li ntbatet mil-President ta' Sirecs Football club fejn talbu l-ghajnuna tal-Kunsill permezz ta' trophies, banda (għal Ħadd filgħodu) u no objection għal l-għeluq ta' Triq San Pawl waqt ic-celebrazjonijiet. Il-Kunsill approva.

**UNESCO**
Il-Kunsill qabel li għandu ikun hemm talba ta' estenzjoni taz-zmien għal deċizjoni.

**Bicycle Advocacy Group**
Is-Sindku qrat il-korrispondenza dwar bicycle racks sabiex jitwaħllu madwar il-lokalita. Il-Kunsillier Paul Bugeja sostna li dimend li ma jintilfux parking bays huwa mgħandux oġġezjoni. Il-Kunsillier Alfred Grima rrimarka li l-Kunsill għandu ikun informat fejn ser isiru qabel jitwaħħlu. Għandom isiru ġo postijiet bħal fejn il-venda tal-linja, Xemxija, u fejn il-Moll. Il-Kunsill qabel.

**Invit**
Is-Sindku informat li hemm invit mil-Onor. Silvio Parnis għandu l-pjaċir jistieden lis-Sindku, Seg Ezekuttiv jew xi membru iehor tal-Kunsill għal konferenza dwar ir-Riforma fil-Gvern Lokali.

**Cirk AKL 2019/039 – Skema għall-anzjani**
Is-Sindku ikkomunikat imejla dwar inizjattiva b'kollaborazzjoni ma' Heritage Malta dwar skema għall-anzjani. Il-Kunsill approva

**Soċjeta Mużikali San Pawl – Reklam, Festa San Pawl 2019**
Il-Kunsill approva li jsir riklam fuq il-Ktieb tal-festa għal prezz ta Eur 160.00

**Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2019**
Is-Sindku qrat silta mil-imejl. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw

**Cirk AKL 2019/038 Malta Pide Initiative 2019**
Wara li nqrat l-ittra minn LGBTQ kien hemm qbil li l-Kunsill ser jipparteċipa billi ser tinżebaħ zebra crossing bil-kuluri tal-qawsalla fi Triq Korp tal-Pijuniri.

**Talba dwar Zebra Crossing – Triq il-Qalb ta' Gesu**
Din it-talba minn residenta ma ġietx approvata.

**Tree 4 U Scheme – Planting of trees**
Il-Kunsill approva. Il-Kunsillier Alfred Grima għadda suġġeriment li għandom jitħawl fil – main road Burmarrad.

**WIFI4U**
Is-Sindku qrat l-invit għal konferenza tal-aħbarijiet nhar is-Sibt 27 t'April 2019.

**84.4 – Tweġibiet għal-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa rigward il-ħlasijiet li qedin iħalsu l-kuntratturi dwar hoardings li hawn mal-lokalita. L-ebda lista ma ġiet prezentat izda inqrat part mil-ligi fejn jinqara hekk :
Għat-tqegħid jew depożitu ta' stekkat (boundary wall) li jagħalaq sit ta' kostruzzjoni waqt ix-xogholijiet ta' kostruzzjoni sabiex tirrestrinġi l-aċċess u tipprovdi protezzjoni għall-pubbliku hija bla ħlas.

**84.5 : Rapporti / Jew approvazzjoijiet ta' Rapporti**
UIF
Is Segretarju Ezekuttiv spjegat li- Kunsill kien irċeva korrespondenza mingħand il Planning Authority li l-applikazzjoniet li kienu saru għal Fondi sabiex issiru xogħol fuq tlett toroq fil – lokalita kienu ser jinataw lil Kunsill.

Agreement tal-Green MT - Ir-Rapport prezentat ġie approvat hekk kif emendat.

**84.6 : Approvazzjoni ta' bord ta' Evalwaturi sabiex jiġu evalwati Tender T05/2019 Road Signs and Markings u Tender T02/2019 Street Sweeping Services**.
Wara diskussjoni qasira l-Kunsill approva li l-evalwaturi ta' dawn it-tenders imsemmija ikunu, l-Accountant, L-Avukat u l-Perit tal-Kunsill.

7.15pm Il-Kunsilliera Dounia Borg ma baqgħatx prezenti għal laqgħa minħabba npenji ohra.

PA2355/07 . Billi ma kinitx item fuq l-Agenda ma setatx tiġi diskussa u minħabba f'hekk ma intbgħat ħadt għal laqgħa

**84.7 Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti u approvazzjoni ta' xiri ta' oggetti jew servizzi**

Is-Segretarju Ezekuttiv tkelmet dwar il-pagament ta' European Funds Info li bi zvista ma ġiex imdaħħal fl-iskeda. L-Kunsill approva li dan jiġi mħallas.

Item Nr. 285 – Il-Kunsilliera Graziella Galea iddikjarat kunflitt ta' interess u ma ipparteċipatx fid-diskussjoni u l-vot rigward dan il-pagament.

Item Nr. 351 – Il-Kunsillier Graziella Galea tastjeni ghal dan il-pagament.
8.00pm Il- Kunsillier Stephen Cremona ma baqgħax prezenti għal laqgħa minħabba npenji oħra. Il-Kunsillier Alfred Grima jastjena ukoll.

84.8 - Tenders /Quotations
**84.8.1 Approvazjoni - Rapport ta' Evalwazzjoni: Provision of Services for the Cleaning, opening and closing of public convienences**
Il-Laqgħa ġiet sospiza għal diskussjoni.
Ma kien hemm qbil fuq dwar l-evalwazzjoni u n'talbu xi kjarifiki

**84.8.1 Approvazjoni – Rapport ta' Evalwazzjoni: Purchasing of Tipper Van and EV car for the Local Council**
Dan l-item ma giex diskuss għalhiex kien sar il-ħin

Tmiem il-laqgħa

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | __________________________ |
| Anne – Marie Fenech | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |